| | |
|---|---|
| Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: | Bodegas Marqués de Murrieta SA |
| Trde mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: | Trade mark Spanjola Nru 2315558 YGAI u t-trade marks Komunitarji figurattivi (Nru 1707729) u verbali (Nru 1699412) MARQUÉS DE MURRIETA YGAI għal prodotti fil-klassi 33 |
| Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: | Oppożizzjoni milqugħa |
| Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: | Appell miċħud |

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Villa Almè Azienda vitivinicola di Vizzotto Giuseppe hija kkundannata għall-ispejjeż.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Settembru 2010 – Market Watch vs UASI – Ares Trading (Seroslim)

## (Kawża T-201/08)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Seroslim — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti SEROSTIM — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94
[li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 23, 24, 49)*

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-6 ta' Marzu 2008 (Każ R 805/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ares Trading SA u Market Watch Franchise & Consulting, Inc.

**Informazzjoni dwar il-kawża**

| | |
|---|---|
| Applikant tat-trade mark Komunitarja: | Market Watch Franchise & Consulting, Inc. |
| Trade mark Komunitarja kkonċernata: | Trade mark verbali Seroslim għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5 u 35 – Applikazzjoni Nru 4113321 |
| Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: | Ares Trading SA |
| Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: | Trade mark verbali SEROSTIM għal prodotti fil-klassi 5 – (trade mark Komunitarja Nru 2405694) |
| Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: | Oppożizzjoni fir-rigward tal-prodotti kollha fil-klassi 5 u fir-rigward tas-"sapun, lozjonijiet tax-xagħar u dentifriċji" fil-klassi 3 milqugħa. |
| Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: | Appell miċħud |

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Market Watch Franchise & Consulting, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Settembru 2010 – C-Content vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-247/08)**

"Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċeduri ta' sejħiet għal offerti Komunitarji — Servizzi ta' pubblikazzjoni elettronika — Irregolaritajiet u ksur tad-dritt Komunitarju allegatament imwettqa mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet — Termini ta' preskrizzjoni — Rabta kawżali"

1. *Rikors għad-danni — Terminu ta' preskrizzjoni — Bidu tad-dekorrenza — Data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Mument meta l-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali jiġu sodisfatti (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46) (ara l-punti 52-55)*

2. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE) (ara l-punti 72, 73)*

3. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Spejjeż sostnuti minn offerent — Dritt għal kumpens — Assenza — Eċċezzjoni — Ksur tad-dritt Komunitarju (ara l-punti 86, 87)*

4. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Dannu — Dannu li jista' jiġi kkumpensat — Spejjeż sostnuti għall-finijiet tal-proċedura ġudizzjarja (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE) (ara l-punti 88, 89)*